**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 192 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Keith Zammit**

**Illum 11 ta Awwissu 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Keith Zammit detenur tal-karta tal-identita' Maltija 443285M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

A) Nhar l-erbatax (14) t' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta ta' disgħa neqsin ħamsa (20:55hrs) ġewwa Triq San Anard, Tarxien b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassart jew għarraq xi ħaġa, billi għamel ħsara u minħabba f'hekk Nathaniel Falzon bata offiża gravi fuq il-persuna tiegħu mingħajr il-konsegwenzi msemmija fl-Art 218 tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur tal-Art. 328 tal-Kap 9.

B) Kif ukoll saq il-vettura ta' għamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni ABP031 b'manjiera traskurata, perikoluża jew bla kont u dan bi ksur Art 15(1) Kap 65.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-15 ta' Mejju, 2023, fejn sabet lill-imputat Keith Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundanatu multa kumplessiva ta' elf Euro (€1,000) u ordnat l-skwalifika miz-zamma tal-licenzja ghal sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Keith Zammit, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Mejju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka u tħassar *in toto* is-sentenza fuq ċitata mogħtija kontra l-appellant fl-imsemmija data u konsegwentament tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena;

2. Mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax (ALTERNATIVAMENT), jogħgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant Keith Zammit li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**<u>L-Aggravji:</u>**

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-każ hawn appellat sal-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Guridiku Maltija sabiex Qorti ta' gustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li għalkemm ma' jeħtiegx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet;

   Illi in linea mal-ħsieb suespost l-appellant umilment jissottometti li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni f'dan il-każ l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati lanqas ma setgħatat tkun moralment konvinta u sib ħtija fl-appellant u dan għaliex l-unika prova dwar l-inċident huma t-testimonjanzi u l-verżjoni li taw kemm l-imputat *qua* appellant Keith Żammit u kif ukoll l-parti leża Nathaniel Falzon biss, liema testimonjanzi minnhom nfushom ukoll joħolqu kunflitt ta' provi li twassal għall-liberatorja tal-imputat *qua* appellant;

   Illi in oltre, l-appellant jirrileva li kien il-bank ta' difiża stess li talab għall-presentazzjoni tal-cameras ta' sigurta` tal-Bank li hemm fuq il-post tal-inċident kif kkonfermat il-pulizija bi numru PS 2269 u kif ukoll PS 2400, liema filmat setgħa jgħati dawl iżjed fuq x'setgħa ġara dak inhar tal-inċident, prova li setgħat tgħatina stampa imparzjali tal-inċident u fl-umli opinjoni tal-appellant tiskolpa kompletament lill-istess appellant mill-ħtija tal-inċident, liema prova baqgħet ma inġabitx, nuqqas tal-prosekuzjoni li skond il-prinċipju *"in dubio pro reo"* l-bilanċ għandu jxaqleb favur l-appellant;

2. Illi l-appellant umilment jissottometti li proċess huwa wkoll sajjem mill-provi stante li lanqas *sketch* ta' dynamika tal-inċident in kwistjoni ma għadna u l-unika prova hija biss kif gia ingħad it-testimonjanza tal-imputat *qua* appellant u l-parti leża. In oltre, jiġi sottolineat li bejn il-verżjoni *a tempo vergine* tal-parti leża fil-*PIRS report* u xhieda tal-istess parti leża seduta stante hemm diskrepanzi għaliex kien biss fi xhied tiegħu in eżami biss jgħid li daqqa ġiet minn wara u dan mingħajr ma jippreżenta ebda prova oħra li tikkorrabora din l-verżjoni, liema verżjoni hija kontradetta mill-appellant;

3. Illi b'żieda ma' suespost l-appellant umilment jirrileva li verżjoni mgħotija minnu fil-*PIRS report a tempo vergine,* kif ukoll l-istess verżjoni hija koerenti u konsistenti ma' xhieda li l-istess appellant xehed seduta stante u baqgħet hekk konsistenti anki meta mistoqsi in kontro-eżami. L-appellant jissottometti li meta xhieda tibqa' b'mod mhux kontrastata jew kontradetta u fl-atti ma jiġi rriskontrat xejn li tnaqqas mill-veraċita' ta' tali xhieda, din m'ghandhiex tiġi skartata;

Illi in oltre, l-istess verżjoni u xhieda tal-appellant hija msaħħa mill-ħsarat li garbet l-vettura misjuqa mill-appellant (ħsara fil-ġenb tal-mudguard ta' xellug) u kif ukoll mill-grieħi li garrab l-parti leża. B'hekk l-verżjoni tal-appellant hija elevata għal prova a kuntrarju tal-verżjoni tal-appellant li baqgħet mera allegazzjoni;

4. Illi mingħajr pregudizzju għas-seuspost l-appellant umilment jissottometti li filwaqt li ma hemmx dubju li b'konsegwenza tal-inċident *de quo* Nathaniel Falzon sofra ġrieħi pero ma ġiex provat mill-evidenza miġbura u preżentata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti lilhinn mill-kull dubja dettat mir-raġuni li effetivament l-inċident seħħ bi ħtija tal-appellant Keith Żammit, għaliex xejn ma jirriżulta mill-evidenza preżentata li b'xi mod l-appellant kien qed isuq b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew li l-istess appllant b'xi mod naqas milli jħares regolamenti u konsegwenza ta' dan ikkaguna ħsara u ġrieħi lill-parti leża. Għal kuntrarju ġie ppruvat li l-appellant kien liċenzjat u kien qiegħed isuq skond ir-regolamenti ta' traffiku f'Malta. Mhux l-istess jista' jingħad għall-parti leża li unikament l-azzjonijiet tiegħu kkaġunaw l-inċident *de quo* u għandu jinstab hu unikament responsabbli stante li saq *"E-kickscooter/ Electric kick Scooter"* mingħajr liċenzja kategorija AM u ebda liċenzja ta' sewqan oħra, saq l-imsemmi scooter fi toroq Maltin bla permess mill-Awtoritajiet kompetenti skond il-legislazzjoni sussidjarja LS 499.67 fejn saħħansitra Artikolu 8 jistipola li żona fejn seħħ l-inċident hija saħansitra projbita biex wieħed jsuq *"E-kickscooter/ Electric kick Scooter"* bi ksur flagranti tar-regolamenti ta' traffiku f'Malta. Dawn nuqqasijiet u traskuragni tal-parti leża ġew kkonfermati bi xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta u kif ukoll jikkonferma bil-ġurament l-parti leża nnifsu fost oħrajn;

5. Illi b'żieda ma' suespost l-appellant umilment jissottometti u jissottolinja li nfatti l-parti leża ġie misjub ħati ta' ħames (5) akkużi li jirrevolvu madwar l-istess inċident talli nhar l-erbatax (14) t' April għal ħabta ta' disgħa neqsin ħamsa (20:55hrs) ġewwa Triq San Anard, Tarxien:

*A) Saq "E-kickscooter/ Electric kick Scooter" li tilħaq veloċita` ta' iżjed min 20km fis-siegħa mingħajr ma kienet registrata mal-Awtoritajiet u dan bi skur Art 3(1)(2) LS 65.32;*

*B) Kif ukoll saq "E-kickscooter/ Electric kick Scooter" mingħajr numru tar-registrazzjoni, f'forma ta' pjaċna jew sticker, liema numru kellu jiġi mwaħħal fuq l-e-kickscooter;*

*C) Kif ukoll saq "E-kickscooter/ Electric kick Scooter" meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni u dan bi ksur ta' Art 4 LS 65.32;*

*D) Kif ukoll saq "E-kickscooter/ Electric kick Scooter" mingħajr liċenzja valida tas-sewqan u dan bi ksur ta' Art 5(b) LS 65.32;*

*E) Kif ukoll saq "E-kickscooter/ Electric kick Scooter" bejn inżul ix-xemx u tlugħ x-xemx mingħajr ma kien libes sidrija ta' viżibbilta` għolja f'kull ħin u dan bi ksur tal-Art 20 LS 65.32;*

U għalhekk l-imputat *qua* parti leża ġie kkundannat għal multa komplessiva ta' tlett elef ewro (€3,000) u skwalifika miż-żamma tal-liċenzja għal tnax (12)-il xahar, permezz ta' sentenza datata nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

6. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-appellant jissottometti li huwa d-dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat

mir-raguni. Minn dan isegwi li l-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi fuq il-provi li jinġiebu quddiem il-Qorti. Huwa għaldaqstant l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat *qua* appellant huma veri;

Illi fil-każ *qua* appellat fl-umli opinjoni tal-appellant mill-assjem tal-provi ma rriżultax li l-appellant saq b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'xi mod wera nuqqas ta' ħila fl-arti u l-professjoni jew naqqas li jsegwi r-regolamenti ta' traffiku, lanqas ma jirriżulta li l-appellant saq b'manjiera traskurata, perikoluża jew bla kont anzi għal-kuntrarju jirriżulta b'mod ampju li kien l-parti leża li kisser ir-regolamenti ta' traffiku u ħareġ minn triq meqjusa sekondarja għal fuq triq prinċipali fejn kien qed isuq l-istess appellant;

Illi in linea ma' dak ritenut l-appellant umilment jagħmel referenza għall-awtur **MAZENGARB**, fil-ktieb "**Negligence on the Highway**" (Butterworth's 1962, p. 326-327), jghid hekk:

> *'At Common Law there is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from another direction.....It is important that the rule should be strictly observed and the right of way which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour, are entitled to expect that the rule will be observed by others.'*

Fil-gurisprudenza nsibu hekk dwar l-obligi ta' min ser jimmanuvra vettura minn triq sekondarja għal waħda prinċipali. Fost oħrajn fis-sentenza fl-ismijiet **Camilleri v Demicoli** mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Lulju 1981, il-Qorti qalet illi:

*'Il-grad ta' diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta' triq sekondarja obligat li jeżerċita huwa li jċedi għat-traffiku għaddej fit-triq prinċipali li jesplora tajjeb it-triq u saħansita jieqaf biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara.'*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **<u>Pulizija v P. Borg et</u>**. (Kollez. Vol. XXXVI iv. p.797) qalet dan u nikkwota:-

*'Għalkemm driver għandu joqgħod dejjem attent, sija jekk ikun fuq it-triq id- dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidħol fiha, huwa intuwittiv li d-driver li jkun sejjer jidħol fit-triq id-dritta minn triq oħra għandu obbligu aktar gravi minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta; u dana għas-sempliċi raġuni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba ser ikompli sejjer għad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil ħadd.'*

Illi huwa paċifiku ritenut li f'każ ta' sinistri stradali li jinvolvu vetturi oħrajn, sabiex l-awtista jiskolpa ruħu, dan għandu jipprova li kien qed isuq kif suppost u li kellu kull dritt li jistenna li r-*rule of the road*, kif dettata mis-senjaletika li kien hemm fuq il-post, tiġi rispettata. Dan jattalja mal-prinċipju li *'sabiex ikun hemm responsabbilta' għall-kolliżjoni, jeħtieġ li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawża prossima tal-kolliżżjoni'*. Sitwazzjoni komuni fejn terzi jistgħu ipoġġu lis-sewwieq f'din il-qagħda huwa meta dan ikun qed isuq kif suppost iżda jiġi sorpriż bis-sewqan ta' vettura oħra u għalhekk ma setax jara sewwa dik il-vettura l-oħra u jiġġudika l-veloċità tagħha u d-distanza li fiha kienet biex jirrejaġixxi tempestivament u jieħu *'evasive action'*;

F'dan il-każ *qua* appellat, jirrizulta pależi li l-imputat *qua* appellant sab ma' wiċċu sitwazzjoni li ma gabiex b'idejh. Bid-dovut rispett, kien il-parti leża li kisser ir-regolamenti ta' traffiku billi saq *"E-kickscooter/ Electric kick Scooter"* mingħajr ebda liċenzja ta' sewqan, bla permess mill-awtorita` kompetenti, f'żona projbita` mill-liġi li

jsir sewqan tal-istess scooter msemmi, mingħajr ilbies protettiv u viżibbli fil-ħin tal-inċident u ħareġ minn triq meqjusa sekondarja għal fuq triq prinċipali fejn kien qed isuq l-istess appellant. In oltre, mid-dinamika tal-inċident jidher ben ċar li kien mistenni li l-parti leża jeżerċita aktar attenzjoni u diligenza.

Kwindi, l-appellant umilment jissottometti li mill-provi ma jidhirx li l-akkadut seħħ għaliex l-imputat *qua* appellant adopera sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Wisq anqas jista' jintqal li l-appellant ma osservax xi disposizzjoni tal-*Highway Code* (f'liema każ wieħed jista' jgħid li kien hemm lok għal sewqan traskurat). Anqas ma jista' jintqal b'konvinzjoni li l-appellant ha xi riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi jew inkella agixxa b'mod indifferenti għal tali riskji. Per di piu', ma jirriżulta minn imkien li l-appellant kien ġej b'veloċita' kbira;

Illi in vista` ta' dak ritenut jitnissel li l-akkadut huwa unikament dovut għal att inaspettat tal-parti leża li poġġa lis-sewwieq *qua* appellant f'qagħda li, anki bl-użu tad-diligenza meħtieġa, l-imprudenza tiegħu, *qua* sewwieq ta' *"E-kickscooter/ Electric kick Scooter"*, ħolqot emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva.

Illi strettament mingħajr pregudizzju għall-aggravji suesposti l-appellant umilment jissottometti li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet waħda eżagerata stante li l-appellant huwa xufier tal-*mini-buses* u għaldaqstant ir-riżultat tagħha, ser ikollha impatt u effett detrimenti fuq l-għajxien tiegħu u ta' familtu missier ta' żewġt (2) itfal.

8ati l-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat.**

Illi jinghad li fl-ewwel lok l-appellanti jsitqarr li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tal-fatti b'mod intens u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-proskeuzzjoni ma resqitx provi li jwaslu ghal grad ta' htija lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni. Jemmen li l-grad ta' prova li lahqet kien ferm inqas u ghalhekk l-appellant messu ma nstabx hati tal-akkuzi.

Illi ghalhekk imiss lil din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-forza probatorja ta' provi li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eleno sive Lino Bezzina** [1]ġie deċiż li :

> *Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**Pulizija vs Bugeja**", tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.*

[1] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deċiża 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuża Numru 10/1994

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Peter Ebejer**[2] qalet illi:-

> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Iddubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice"* (373-374).

Fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Lela Ristic**[3], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami funditus dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif aħjar magħrufa 'circumstantial evidence':

At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including **Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et**[4] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

---

[2] Deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997

[3] Per Onor. Magistrat Aaron M. Bugeja; Deċiża 16 ta' Diċembru, 2015

[4] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 19.05.2014; Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.

*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.*

*Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

*Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '__**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**__, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.*

*Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati*

*addebitati lilu.*

*Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '__**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**__, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

*Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji*

*jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs R (1952) jghid:

> "*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed,*
>
> *the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence.*
>
> *It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"
>
> *Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.*
>
> *Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. IlQorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....*
>
> ........
>
> *Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction* to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

*(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (if only*

*because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);*

*(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;*

*(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference);*

*(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence; (e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.*

*Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's Criminal Practice*[5] *Lord Simon in DPP v Kilbourne*[6] *stated the following*

*The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'*

*Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It*

[5] 2013, F1.18 to F1.27
[6] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.

*works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.*[7]

*On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in* ***Il-Pulizija vs James Abela***[8]*, a presumption of fact :-*

*"tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." ….. [emfazi tal-Qorti]*

Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet I**r-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** [9] iddeċidied

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ……. biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti*[10]

Fid-dawl ta din il-gurisprudenza u taghlim fuq il-kuncett ta' prova din il-Qorti trid issa tesamina il-provi prodottti sabiex tara jekk l-prosekuzzjoni lahqitx dan il-grad ta' prova rikjest mill-ligi sabiex b'hekk l-ewwel Qorti issib il-htija u dan ghaliex din il-Qorti hija Qorti ta' revisjoni u ghalhekk id-dover

[7] Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB

[8] Qorti tal-Appell Kriminali; Deċiża 11 ta' Lulju, 2002.

[9] Per Onor Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deċiża 5 ta' Lulju, 2002.

[10] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deċiża 15 ta' Mejju, 1990:

L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwillità ghall-aħħar jaslu ghall-konklużjoni la ma jemmnu dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizzji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoċ

taghha huwa li terga tesamina mill-gdid il-provi gja akkwesiti biex tara jekk id-decisjoni milqugha mill-ewwel Qorti kienet l-iscooter tieghu huwa muri fir-ritratt NF 4x wahda *safe and satisfactory*.

**Nathanial Falzon** xehed nhar is-27 ta' Settembru 2021 u jghid li kien involut f'incident tat-traffiku. Spjega li xi hadd saq ghal fuqu u l-ghada sab ruhu l-isptar. Jiftakar li kien hares u xejn iktar. Jghid li l-incient sehh f'April 2021 f'Hal Tarxien waqt li kien sejjer id-dar minghand nantu. Kien qed isuq l-e scooter tieghu. Jghid li kien qed isuq fiz-zona residenzjali. Qal li toroq hemm tlieta ta' gewwa ta' barra u l-main street. Qal li huwa kien qed isuq fit-triq ta' gewwa ta' mad-djar. Jaf li hass xi had gej ghal fuqu izda meta hares ma ra xejn. Id-daqqa qalaghha minn wara. Huwa pprezenta ritratti tal-griehi li kellu u dawn gew mehuda minn ommu waqt li kienu l-isptar dakinhar stess. Dawn gew mmarkati bhala dok NF1 sa dok NF6, Jghid li l-karozza li dahlet fih ma kellhiex dawl ghaliex kieku kien jaraha u jghid li kienet gejja bi dritt.

In kontro esami nhar id-9 ta' Jannar 2023 jghid li dakinhar tal-incident kellu sbatax-il sena. Jikkonferma li licenzja biex isuq l-iscooter ma kellux u jikkonferma li ma kienx liebes protective clothing u cioe' ilbies li jaghti dawl bil-lejl. Qal li l-vettura tal-appellant kient bla dawl. Muri id-odk NF2 jghid li jidher hu l-iscooter u l-vettura tal-appellant u li l-vettura ma kellhiex il hazard lights mixghula. Jikkonferma li dwal ma kienx hemm fil-vettura skond ma qaltlu ommu li kienet fuq il-post wara l-incident. Jikkonferma li l-iscooter tieghu ma kellux dawl ghaliex kien imkisser. Qal li t-triq li minnha kien ghaddej kienet wahda dritta. Fl-ebda hin ma hareg ghal main road, Mistoqsi jekk iccekjax jekk qabel ma saq l-iscooter rax li l-iscooter ma jistax jinsab f'dik it-triq.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** ghan nom ta' Transport Malta jghid li mill-indagini li ghamel ma' l-Awtorita irrizulta li Nathanial Falzon fl-14 ta' April, 2021 me kellu l-ebda kategorija ta' licenzja ta' sewqan kif ukoll l-ebda vettura registrata fuqu.

Rat l-affidavit ta' **PS 2269** pprezentat fl-atti bhala dok PC 3 a fol. 32 ta' l-atti. Dan stqarr li nhar l-14 ta April 2021 ghall-habta ta 20:55p.m waqt li kien

xoghol l-ghassa tal-pulzija ta' Rahal Gdid gie nfurmat li kien sehh incident stradali fi triq San Anard, Hal Tarxien u fl-incident persuna sfatt midruba. Huwa mar fuq il-post fejn hemmhekk sab l-kolluzzjoni u din kienet sehhet bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP031 misjuqa minn Keith Zammit u zaghzugh ta' sbatax-il sena Nathaniel Falzon li kien qed jghamel uzu minn e-scooter. Huwa ha l-verzjoni tal-akkadut u tal-persuni involuti, fejn Nathaniel ta l-verzjoni tieghu fil-presenza t'ommu Rodianne Falzon.

B'kosegwenza tal-incident Nathaniel garab diversi griehi u b'hekk hu mar fic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid fejn minn hemm hekk gie riferut ghal Isptar Mater Dei ghal aktar kura. Ftit tal-hin wara  gie infurmat mill-isptar li Nathaniel Falzon gie invistat minn Dr Nicole Lanfranco fejn irrizulta li Nathaniel kien  qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi.

Fis-17 ta' April 2021 Rodianne Falzon pprovdiet l-ktieb bl-ispecifications tal-e scooter. Dan ghandu velocita massima ta' 25 km/fs. Huwa staqsa lil Rodianne jekk Nathaniel kellux licenzja tas-sewqan biex isuq l-e scooter izda din irrispondiet fin-negattiv u li hadd ma kien qallhom li ghandhom bzonn licenzja.  Izid jghid li l-e-scooter in kwistjoni la kien registrat u lanqas licenzjat u ghalhekk iddecieda li jittiehdu proceduri ukoll fil-konfront tieghu.

Huwa mar fuq il-post u spezzjona iz-zona fejn gie innutat CCTV camera mar-rsidenza 107 Arccenciel, Triq San Anard, Tarxien fejn il-fond deher disabitat. Minn stharrig fuq is-sitema NPS irizulta li l-fond hu ta' Anthony Pace  u dan kkonferma li ic-CCTV ma kienx qed jirrekordja.

Faccata ta' fejn sehh l-incident fi Triq tal-Barrani hemm BOV ATM ghaldaqstant intbaghtet email lil BOV biex jigi verifkat jekk CCTV cameras tal-imsemmija ATM jistghux jkunu ta' ghajnuna fl-investigazzjoni izda ma inghtaw ebda risposta.

In kontro esami nhar id-9 ta' Jannar 2023  u mistoqsija jekk meta marret fuq il-post tal-incident wara li kien sehh l-akkadut ratx li kien hemm xi break marks tghid li jekk fir-rapport ma semmitx break marks ifisser li ma kienx hemm.

Rat l-affidavit ta' **Dr Mario Sacco** prezentat fl-atti bhala dok SZ1 a fol. 41 ta' l-atti u jirrizulta li Nathaniel Falzon gie invistat medikament nhar l-14 ta' April 2021 fl-21:55 u irrizulta li dan kellu diversi feriti kif hemm deskritti u dawn gew klassifikati bhala feriti ta' natura gravi.

**Dr Nicole Lanfranco** xehdet nhar l-10 ta Jannar 2021 u murija certifikat mediku esebit fil-process tghid li dak kien gie mahrug minnha wara li kienet ezaminat lil Nathaniel Falzon nhar l-14 ta April 2021 fil-Paola Health Clinic. Tghid li taf li Nathaniel kien involut f'incident tat-traffiku pero ma setghax jiftakar dak li kien gara u dan minhabba li seta kellu concussion.

**Rodianne Falzon** xehdet nhar is-16 ta Mejju 2022 u murija id-dokumenti NF 1 sa NF 6 tghid li huma ritratti li gew medhuda minnha dakinahr tal-incident. Tghid li hemm minnhom gew mehuda fil-clinic u ohrajn fuq il-post tal-incident. Hija waslet fuq il-post ftit tal-hin wara. Tghid li hija ma tantx damet biex tasal fuq il-post.

Dr Mario Scerri nominat mill-Qorti biex jesamina lil Nathaniel Falzon xehed u stqarr li Nathaniel qallu li kien involut f'incident tat-traffiku nhar l-14 ta' April 2021 waqt li kien riekeb l-escooter fi Triq San Anard, Hal Tarxien ghall-habta tat-8.00p.m sefa milqut minn karozza, liema karozza kienet misjuqa mill-appellant odjern. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok MS1. Qal li kellu zewg cikatrici li jidhru minn walking distance u ohra li ma tidhirx. Jghid li ma kienx hemm evidenza li kellu concussion pero jaf li kien intilef minn sensiegh ghal ftit ta' hin. L-isptar pero kien f'sensiegh. Ma kienx hemm evidenza li kellu head injury. Qal li meta ezaminah kien tah rakkont dettaljat ta' dak li kien gara.

Minn ezami tar-rapport tieghu MS1 jirrizulta li :-

1. Kien milqut minn vettura waqt il-hin tal-incident kienet misjuqa mill-appellant.
2. Ili dan allega li ntilef minn sensiegh u gie trasportat lejn l-isptar Mater Dei.
3. Illli dan garrab xi lezjonijiet li kellhom jigu strutturati.

4. Illi c-cikatrici fuq is-*supra orbital ridge* tal-lemin kienet rizultat ta' lacerazzjoni rizultat ta' *blunt trauma*. Din tidher minn walking distance.
5. Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-wicc kienet rizultat ta' lacerazzjoni hafifa u din ma tantx tidher from a walking distance.
6. Illi c-cikatrici deskritti fuq n-naha tal-lemin tal-geddum kienet rizultat ta' lacerazzjonijiet rizultat ta' *blunt trauma* u li jidhru from *a walking distance.*

**PS 2400 Maria Grixti** xehdet nhar is-6 ta' Marzu 2023 tghid li hija talbet ir-request ghall camera tal BOV l-Imrihel imbaghad halliet hand over mas-shift ta' warajha shift C sabiex jigbru dan il-filmat il-bqija ma ghandha l-ebda involvement iehor. Fuq il-post tal-incident ma marrtix. Tghid li ma kintix hi li gabret il-fimat u ghalhekk ma setghetx twiegeb ghaliex dawn il-filmati ma gewx esebiti fl-atti . Tghid li hija kul ma ghamlet kien li twassal r-request.

**Brian Farrugia** ghan nom u in rappresentanta ta' Transport Malta xehed nhar is-6 ta' Marzu 2023 stqarr li fit-toroq arterjajri jew distributorji ma jistghux jintuzaw kick scooters jekk ma jkunx hemm bicycle lanes. Jekk ma hemmx bicycle lanes ma jsitghux jintuzaw fit-triq. Jghid li skond il-ligi sussidjarja irid ikun hemm polza third party fuq l-e-scooter biex taghmel tajjeb ghad danni lil terzi li jistghu jigu kagunati. Huwa esebixxa lista li giet immarkata bhala dok BF1 dwar liema huma it-toroq arterjajri u distributorji. Jghid li Triq San Annard hija projbita skond ir-regolament 8 tal LS 499.67.

L-akkuzat ghazel li ma jixhedx kif del esto ghandu kull dritt.

Illi mill-provi akkwesisti jirrizulta bic-car li l-kwerelant ma kellux licenzja tas-sewqan biex isuq l-e-scooter, ma kellux polza ta' sigurta li tkopri incidenti simili u lanqas kellu dritt li jsuq l-iscooter fi Triq San Anard Hal Tarxien, pero f'din il-kawza mhwiex l-kwerelant li qed jigi gudikat izda l-appellant Keith Zammit. Il-proskeuzzjoni trid tipppova li minhabba traskuragni, nuqqas ta' hila fil-professjoni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti l-appellant involontarjament ikkaguna hsara fuq il-persuna ta' Nathaniel Falzon skond l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Fit-tieni lok kellha l-obbigu ukoll

li tressaq provi biex tipprova sal-livell rikejst mil-ligi cioe' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellat b'mod traskurat, perikoluz jew bla kont saq il-vettura tieghu tal-ghamla Fiat numru ta' regitrazzjoni ABP 031.

Jinghad li l-provi imresqa mill-proskeuzzjoni kienu fjakki u dan ghaliex ma ngieb hadd sabiex jixhed dwar il-manjera tas-sewqan tal-appellant. Il-kwerelant meta xehed ma jitfa l-ebda dawl fuq il-manjera tas-sewqan tal-appellant jghid biss li gie milqut minn wara pero dwar l-incident ma seta jghid xejn ghaliex il-memorja tieghu tal-incident fallietu. Fit-trattazzjoni li saret quddiem l-ewwel Qorti mill-partijiet hemm miktub li Dr Christian Camilleri li kien qed jidher ghall-appellant stqarr li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-provi u cioe' dik moghtija mill-kwerelant Nathaniel Falzon u dik moghtija minn Keith Zammit (fol. 122). Din il-Qorti pero ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u jirrizulta is-segwenti dwar dak li intqal minn Dr Camilleri. Li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-4 ta' Lulju 2022 ( fol. 52) wara li kien xehed Dr Mario Scerri. Fis-seduta ta' wara u cioe' nhar is-7 ta' Novembru 2022 ( fol. 77) ma sar xejn u l-kawza giet differita ghal nhar id-9 ta Jannar 2023. Fis-seduta tad-9 ta Jannar 2023 (fol. 75) jirrizulta li rega' xehed Nathaniel Falzon, Dr Christopher Spiteri ghan-nom ta' Transport Malta u PS 2269 Miriam Lia in kontro esami. In segwitu fis-seduta ta' wara u cioe' nhar is-6 ta' Marzu 2023, id-difiza resqet ix-xhud PC 2400 Maria Grixti, Brian Farrugia ghan-nom ta' Transport Malta u d-difiza ddikajrat li ma kellhiex aktar provi (fol. 95) u ghalhekk huwa evidenti li l-appellant ma xehedx u ghalhekk din il-Qort hija sajma mill-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu. Ili ghalhekk m'hemmx dubju li din is-sottomissjoni ta' Dr Camilleri setghet facilment svijat l-ewwel Qorti. Ghalhekk hawnhekk ma hemmx kaz ta' xhieda konflingenti kif stqarret id-difiza izda kwistjoni jekk il-proskuzzjoni bil-provi li resqet setghetx l-ewwel Qorti issib htija fuq l-appellant. L-avukat Dr Ryan Elul fit-trattazzji tieghu jistqar ukoll fit-trattazzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti (fol 122) li mir-ritratti esebiti jirrizulta li l-appellant hareg minn kantuiera min fejn kien hemm *stop sign* u baqa' ghaddej. Pero meta din il-Qorti esaminat ir-ritratti esbiti u mmarkati

bhala dok NF1 sa NF6 ma jirrizultali hemm l-ebda ritratt li jindika xi stop sign. Lanqas ma jirrizulta mill-atti li saru xi domandi f'dan ir-rigward la lill-kwerelant li qal li ma jiftakar xejn izda lanqas lill-pulizija li investigaw l-incident u ghalhekk setghu facilment jghidu jekk in effetti kienx hemm xi stop sign minn fejn hareg l-appellant.

Jirrizulta minn esami tal-okkorrenza esebita fl-atti li l-kwerelant qal xi haga differenti minn dak li xehed il-Qorti u cioe' filwaqt li l-Qorti jghid li ma jiftakar xejn salv li qala' daqqa minn wara u sab ruhu l-isptar, fl-okkorrenza a tempo vergine tal invetigazzjoni allegatament lil PS 2269 Miriam Lia *'kont gej minn Triq l -knisja Hal Tarxien ser idur ghan-naha tax-xellug. Kont bl-electric scooter bid-dawl mixghul. F'daqqa wahda giet karozza baqghet diehla fuqi u jigifieri f'nofs it-triq. Il-karozza kienet ABP 031 u kient bid-dwal mitfi."* . Ili din ix-xhieda ma gietx konfermata la mill-kwerelant u lanqas mis-surgent u ghalhekk ma ghandha l-ebda valur. F'dak il-hin ukoll tal-investigazzjoi preliminari ma jirrizultax li l-pulizija tkellmet max-xuffier tal-vettura li allegtament laqtet lil Nathaniel Falzon u dan ghaliex ma hemm l-ebda verzjoni tal-apellant f'din l-okkorenza.

Illi ghalhekk l-prosekuzzjoi bhala provi resqet biss lill-kwerelant li qal li ma jiftakar xejn dwar l-akkuzat. Resqet numru ta' tobba li lkoll ikkonfermaw li l-kwerelant kien qed isofri minn griehi gravi u ghalhekk dan ma hux indubitat pero ma resqet lil hadd biex jiddiskrivi is-sewqan tal-appellant u lanqas ma resqet xi prova indizzjajra bhal per ezempju xi break marks li setghu jitfghu dawl fuq is-sewqan tieghu. Lanqas ma gew esebit ic-CCTV filmat li allegtamnt setgha kellu l-BOV tal-incident. Lanqas ma resqu xi xhieda li setghu raw l-incient isehh. Ma hux bizzejjed li jinghad li l-kwerelant ma kellux ikun qed isuq fit-triq San Annard u li kien bla licenzja izda il-proskeuzzjoni trid tipprova n-nuqqasijiet tal-appellant fis-sewqan tieghu li minhabba fihom ikkaguna l-incident u bhala konsegwenza li l-kwerelant sofra il-feriti li garrab minhabba is-sewqan tal-appellant.

Din il-Qorti għalhekk temmen li l-appellant għandu raġun fir-rikors tal-appell tiegħu fis-sens li l Qorti hija privja minn provi sabiex tabbraccja l-akkuzi mogħtija mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-akkuzat. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti nhar il-15 ta' Mejju 2023 u tilqa l-appell tal-appellant u konsegwentement qeda tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imħallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**